# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14

Il-Ġimgħa, 28 ta' Marzu, 2025

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-11:00am.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Jonathan Mercieca - Kunsillier

SKUŻATI:

Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

PREŻENTI GĦAL-LAQGĦA:

Dr Joshua Grech

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa. Huwa qal illi din il-laqgħa saret sabiex jiġu deċiżi materji relatati mal-proġett 'Frott il-Qamħ u l-Ilma Ġieri', iffinanzjat minn fondi tal-UE.

Is-Sindku qal li saret il-laqgħa online mal-ARPA, MA, GAGF u DL nhar il-21 ta' Marzu 2025. Minn naħa tal-ARPA infurmawna biċ-ċar illi huma mhumiex ser ikunu qed jagħtu l-ebda direzzjoni kif il-Kunsill għandu jimxi. Meta l-Kunsill talab estensjoni għall-proġett minħabba li t-tinda għadna rridu naraw hux ser inkellmu lit-tieni offerent eliġibbli, l-ARPA qalet li l-aktar estensjoni tista' tkun sal-aħħar ta' Mejju 2025 u għalhekk il-Kunsill għandu jissottometti *change request* ġdida. Madanakollu, il-Managing Authority saħqu bil-kbir illi l-Kunsill għandu jara x'ser jagħmel fuq il-problemi legali li hemm mal-kuntratturi peress li jinsab tard ħafna fil-proġett u l-claims iridu jidħlu kollha sal-aħħar ta' Mejju 2025.

Sadanittant, il-Kunsill tkellem mal-Avukat li kien preżenti għal-laqgħa tal-lum. Huwa spjega illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill għandu jimxi kif ġej:

Peress li l-kuntratturi Caruana Tech Trading u Mark Attard għamlu x-xogħol fil-ħin, dawn għandhom jitħallsu la darba jiġi ċertifikat xogħolhom.

Dwar TEC Ltd, il-Kunsill għandu jinfurmah b'ittra sabiex jirregola ruħu u ntuh jumejn ċans sabiex jirrispondi u jagħmel dan. Jekk fi żmien dawn il-jumejn ma jirregolax ruħu, għandha tintbagħtlu ittra uffiċjali. Apparti hekk, il-Kunsill għandu jara jekk imexxi b'Direct Order approvat mid-DLG, din l-istess Direct Order tiġix aċċettata mill-ARPA għall-ħlas.

Dwar Power Sound, il-Kunsill ma jistax iħallas tan-nar li sar peress li dan l-item ma sarx kif kellu jsir. Apparti hekk il-kuntrattur jitlef il-garanzija u jeħel il-penali fuq il-kuntratt kollu. Dwar dan għandha tinkiteb ittra uffiċjali lill-kuntrattur.

Dwar Anthony Cauchi, il-Kunsill għandu jżomm il-garanzija u jwaħħal il-penali fuq il-kuntratt kollu. Dwar dan għandha tinkiteb ittra uffiċjali lill-kuntrattur.

Dr Grech żied jgħid illi meta jinkitbu l-ittri uffiċjali, il-Kunsill ser ikun qed iżomm lil dawn il-kuntratturi kollha responsabbli għal kull danni li jista' jkun hemm fuq dan il-proġett kollu.

Il-Kunsill qabel mal-proposti tal-Avukat u qabel li nimxu b'dan il-mod biex ikun hemm l-akbar trasparenza f'kollox. Is-Sindku staqsa lill-Avukat dwar jekk waqt l-evalwazzjonijiet ta' dawn l-offerti msemmiha hawn fuq, kienx hemm xi problemi. Dr Grech, bħala wieħed mill-evalwaturi, qal illi l-bordijiet ta' dawn l-offerti kienu magħmula minn membri tal-għażla tal-Kunsill illi iżda kienu dejjem indipendenti mill-Kunsill. Apparti hekk, il-bord tal-għażla jagħti

biss is-suġġeriment tiegħu dwar min għandu jintgħażel għall-kuntratt tal-offerta u mbagħad jiddeċiedi l-Kunsill joqgħodx fuq il-parir tal-bord. Fil-każ ta' dawn l-offerti, il-Kunsill dejjem qagħad fuq il-parir tal-bord bħalma dejjem għamel.

Il-laqgħa ntemmet fil-11.30am.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Marianne Sagona
Segretarju Eżekuttiv